17 ta' Mejju, 1951

**Imħallef:**

L-Onor Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Salvatore Mifsud *versus* John Scerri

**Self — Terminu — Dekadenza — Soċjetà "In Nome Collettivo" — Art. 1121 (a) u 1122 tal-Kap. 23.**

*Taħt il-Liġi Maltija, il-kreditur tas-soċjetà "en nom collectif" jista' jaġixxi direttament kontra s-soċju singolu f'ismu, salv, jekk ikun il-każ, ir-regress tiegħu kontra s-soċji l-oħra.*

*Meta ebda terminu ma jkun ġie miftiehem għar-restituzzjoni tas-self billi jkun sar il-ftehim li d-debitur irodd is-self meta jkun jista', imma fuq dak is-self ikun għaddej l-imgħax, iż-żmien għar-restituzzjoni huwa dak ta' sitt snin.*

*Jekk self ikun sar lil soċjetà meta din kienet fl-attivazzjoni tagħha, u din in segwitu ma tkomplix tiffunzjona, ikun il-każ ta' diminuzzjoni ta' kawteli li tiġġustifika t-talba għad-dekadenza mit-terminu għar-restituzzjoni tas-self.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li

hu, bi skrittura ta' l-1 ta' Settembru 1948, kien silef lil John Scerri, għall-bżonnijiet tal-kummerċ, is-somma ta' £750 bit-3% imgħax fis-sena (dok. A anness maċ-ċitazzjoni); li hu in segwitu silef lill-istess John Scerri s-somma ta' £230, u, flok saret riċevuta ġdida, ġew korretti ċ-ċiffri ta' l-irċevuti preċedenti mill-konvenut John Scerri stess, in preżenza ta' ħadd ieħor, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; illi John Scerri ħallas akkonti ta' £300 b'delegazzjoni ta' l-attur lil Fabiano Scerri, hu l-konvenut u wieħed mis-soċji; li minħabba l-aġir ta' l-istess John Scerri, li ma rrendiex il-kontijiet soċjali u ma ħallasx lis-soċji l-oħra sehemhom, din is-soċjetà ma kompletx tiffunzjona sa minn sena u nofs ilu, u sal-lum il-konvenut la rrenda l-kontijiet u lanqas ħallas sehem is-soċji, u għalhekk hu preżumibili li, meta ssir il-likwidazzjoni soċjali, il-konvenut ikun debitur f'somom konsiderevoli, b'mod illi l-istat tiegħu tbiddel b'mod tali illi l-ħlas tad-debitu qiegħed fil-perikolu; illi l-konvenut ma ħallasx il-lukri tat-3% skond il-ftehim, avvolja għaddew aktar minn sena u nofs minn mindu ħallas l-akkonti, u għalhekk sar inadempjenti fl-obligazzjoni li assuma; u li l-konvenut, meta iffirma "J. Scerri for Scerri & Co." ġie offra l-garanzija tas-soċji l-oħra, waqt li, kif jirriżulta mill-kuntratt soċjali (dok. B) in atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-2 ta' Lulju 1947, il-konvenut ma kellux il-fakoltà li jobliga s-soċji l-oħra f'mutwi; talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut, in vista tar-raġunijiet preċitati, u prinċipalment li l-konvenut naqas iħallas il-lukri u kkaġuna x-xoljiment tas-soċjetà, u b'hekk naqqas il-garanziji tal-pagament li kienu jeżistu meta sar il-mutwu u ta provi li hu mhux fi stat li jagħti lis-soċji sehemhom, u għalhekk hu preżumibili li hu debitur u l-istat tiegħu hu prekarju, (1) jiġi dikjarat li hu ddekada minn kull beneficċju tat-termini li seta' kellu għall-pagament tad-debitu, u (2) konsegwentement jiġi kundannat iħallas is-somma ta' £729. 10. 6 skond prospett markat Dok. C, jew somma verjuri li kellha tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, oltre l-lukri kummerċjali sal-ġurnata tal-pagament, u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Lulju 1950 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru tas-6 ta' Novembru 1950 kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Fl-istess dikjarazzjoni akkompanjanti l-att taċ-ċitazzjoni, l-attur jassumi li l-flus, li tal-bilanċ tagħhom qed jitlob ir-restituzzjoni, ġew mogħtija għall-kummerċ tas-soċjetà "Scerri & Co.";

Ma hux kontrastat, u jirriżulta mid-dokument fol. 6, li din kienet soċjetà f'isem kollettiv u li l-konvenut kien wieħed mis-soċji. L-eċċezzjoni tal-konvenut li kien imissha ġiet l-ewwel azzjonata s-soċjetà ma hijiex fondata taħt il-Liġi Maltija. Taħt din il-liġi, il-kreditur tas-soċjetà "en nom collectif" jista' jagixxi direttament kontra s-soċju singolu f'ismu (ara sent. Kummerċ "Starkey vs. Gollcher", 27 ta' Mejju 1912, Imħ. Dr. Parnis, Vol. XXI—III—117). Il-konvenut, fin-nota tiegħu tar-riljevi fol. 77, ġie żvijat bl-awtoritajiet taljani li ċċita; għaliex mentri l-Liġi Maltija tgħid biss dak li hemm fl-art. 132 Kap. 17, il-Liġi Taljana (art. 106) iżżid il-kliem, li fil-Liġi Maltija ma hemmx, "tuttavia i creditori della società non possono pretendere il pagamento dai singoli soci prima di avere esercitata l'azione contro la società". Mhux biss, imma fil-Liġi Taljana hemm l-art. 76, li jiddefinixxi soċjetà "in nome collettivo" bħala dik "nella quale le obbligazioni sociali sono garantite dalla responsabilità illimitata e solidaría di tutti i soci", u appuntu fuq dik il-kelma "garantite" minbarra fuq il-lokuzzjoni preċiża tal-kliem fuq riportati, l-awturi (ara Vivante, Vol. IV, para. 191) jibbażaw l-interpretazzjoni li r-responsabilità tas-soċju hija merament sussidjarja. Għalhekk interpretazzjoni simili ma tistax tiġi sostnuta kontra wieħed mis-soċi solidali; salv, jekk ikun il-każ, ir-regress tiegħu kontra s-soċji l-oħra;

Kwantu għall-intempestività ta' l-azzjoni, eċċepita mill-konvenut, lanqas din ma hija sostnuta. Deher mill-provi li ma ġiex pattwit terminu għar-restituzzjoni, imma l-attur ikkuntenta li d-debitur jirrestitwixxi s-somma "meta jista'." Għalkemm oriġinarjament l-attur ma riedx imgħax, però l-konvenut ried jagħtih dak tat-tlieta fil-mija fis-sena.......... u l-attur aċċetta.........;

Għalhekk skond il-liġi (art. 1121 (a) Kap. 23) proprjament ir-restituzzjoni kellha ssir żmien sitt snin. Iżda hu fatt illi,

mentri l-mutwu sar meta s-soċjetà kienet fl-attivazzjoni tagħha, ormaj, għal raġuni jew oħra, l-istess soċjetà l-lum ma hix qiegħda tiffunzjona stante diskordji bejn is-soċji, u kwindi ma jistax ma jingħadx li hemm diminuzzjoni tal-kawtela li originarjament kienet teżisti; għaliex altru soċjetà li qiegħda tiffunzjona u li l-kreditur jafda għaliex soddisfatt bl-andament tagħha, f'dak il-waqt tas-self, u altru soċjetà li qiegħda wieqfa. Għalhekk kien hemm id-dekadenza mit-terminu skond l-art. 1122, għaliex iċ-ċirkustanzi tbiddlu b'mod li jipperikolaw il-ħlas;

Kwantu għall-ammont...........;

Iċ-ċirkostanzi tal-każ ma humiex tali li jiġġustifikaw it-talba tal-konvenut dwar id-danni u l-penali;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Adeżivament għad-domandi. bl-ispejjeż. Salv kull dritt ta' regress tal-konvenut kontra s-soċji l-oħra, "si et quatenus".